

II

(Atti mhux leġislattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 939/2010

tal-20 ta' Ottubru 2010

li jemenda l-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 767/2009 dwar it-tolleranzi permessi għat-tikkettjar tal-kompożizzjoni ta' oġġetti tal-għalf jew għalf kompost kif imsemmi fl-Artikolu 11(5)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 767/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' għalf, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 79/373/KEE, id-Direttiva tal-Kummissjoni 80/511/KEE, id-Direttivi tal-Kunsill 82/471/KEE, 83/228/KEE, 93/74/KEE, 93/113/KE u 96/25/KE u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/217/KE ⁽¹⁾ u b'mod partikolari l-Artikolu 27(1) tagħha.

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 767/2009 jistipula sett ta' regoli tal-UE li jirrigwardaw il-kondizzjonijiet tas-suq għall-oġġetti tal-għalf u għalf kompost. L-Anness IV ta' dan ir-Regolament jinkludi t-tolleranzi permessi għat-tikkettjar tal-kompożizzjoni ta' oġġetti tal-għalf u għalf kompost.
- (2) Id-dejta statistika ta' kontroll mill-Awtoritajiet Kompetenti fl-Istati Membri dwar devjazzjonijiet f'kampjuni tal-għalf uriet li għandhom isiru tibdiliet sostanzjali lill-parametri stabbiliti fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 767/2009 sabiex jitqiesu l-iżviluppi xjentifiċi u teknoloġiċi fil-metodi ta' teħid ta' kampjuni u dawk analitiċi. Il-Kummissjoni issa lestiet il-valutazzjoni ta' dik id-dejta u konsegwentement l-istruttura u l-parametri tal-Anness IV għandhom jiġu mmodifikati.
- (3) It-tolleranzi emendati għall-kontenut ta' umdità għandhom iqisu ċerti oġġetti tal-għalf b'kontenut ta'

umdità ogħla minn 50 %, peress li għal dawn l-oġġetti tal-għalf ġew introdotti dispożizzjonijiet ġodda tat-tikkettjar mill-Artikoli 15 u 16 tar-Regolament (KE) Nru 767/2009.

- (4) Fl-assenza ta' metodi biex jiġu ddeterminati l-valur tal-enerġija u l-valur tal-proteini flivell tal-Unjoni, l-Istati Membri għandhom jitħallew iżommu t-tolleranzi nazzjonali tagħhom għal dawn il-parametri.
- (5) Għat-tolleranzi li ġew introdotti reċentement għall-addittivi tal-għalf fl-għalf għandu jiġi ċċarat li dawn japplikaw biss għad-devjazzjonijiet tekniċi, billi t-tolleranza analitika hija diġà determinata skont il-metodu uffiċjali ta' sejbien għall-addittiv tal-għalf rispettiv. It-tolleranzi għandhom japplikaw għal valuri stabbiliti fil-lista ta' addittivi u l-lista ta' kostitwenti analitiċi.
- (6) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali u la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma opponiehom.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 767/2009 huwa mibdul skont l-Anness ma' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu japplika mill-1 ta' Settembru 2010.

⁽¹⁾ ĠU L 229, 1.9.2009, p. 1.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Ottubru 2010.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

ANNEX

L-Anness IV għar-Regolament (KE) Nru 767/2009 jinbidel b'dan li ġej:

“ANNEX IV

Tolleranzi permessi għat-tikkettjar tal-kompożizzjoni ta' oġġetti tal-għalf jew għalf kompost stipulati fl-Artikolu 11(5)

Parti A: Tolleranzi għall-kostitwenti analitiċi stipulati fl-Annessi I, V, VI u VII

- (1) It-tolleranzi stabbiliti f'din il-Parti jinkludu devjazzjonijiet tekniċi u analitiċi. Ladarba t-tolleranzi li jkopru l-inċertezzi fil-kejl u l-varjazzjonijiet proċedurali jiġu ffixxati fil-livell tal-Unjoni, il-valuri ffixxati fil-punt 2 għandhom jiġu adattati kif meħtieġ biex ikopru biss it-tolleranzi tekniċi.
- (2) Meta l-kompożizzjoni ta' oġġetti tal-għalf jew għalf kompost tinstab li tmur lil hinn mill-valur indikat fuq it-tikketta tal-kostitwenti analitiċi stipulati fl-Annessi I, V, VI u VII għandhom japplikaw it-tolleranzi li ġejjin:
 - (a) għaż-żejt u x-xaħmijiet mhux raffinati, il-proteini mhux raffinati u l-irmied mhux raffinat:
 - (i) $\pm 3\%$ tal-massa jew il-volum totali għall-kontenuti dikjarati ta' 24% jew aktar;
 - (ii) $\pm 12,5\%$ tal-kontenut dikjarat għal kontenuti dikjarati ta' anqas minn 24% imma mhux anqas minn 8% ;
 - (iii) $\pm 1\%$ tal-massa jew il-volum totali għal kontenuti dikjarati ta' inqas minn 8% ;
 - (b) għal fibri, zokkor u lamtu mhux maħdumin:
 - (i) $\pm 3,5\%$ tal-massa jew il-volum totali għal kontenuti dikjarati ta' 20% jew aktar;
 - (ii) $\pm 17,5\%$ tal-kontenut dikjarat għal kontenut dikjarati ta' anqas minn 20% imma mhux anqas minn 10% ;
 - (iii) $\pm 1,7\%$ tal-massa jew il-volum totali għal kontenuti dikjarati ta' inqas minn 10% ;
 - (c) għall-kalċju, l-irmied li ma jinħallx fl-aċidu idrikloriku, il-fosfru totali, is-sodju, il-potassju u l-manjesju:
 - (i) $\pm 1\%$ tal-massa jew il-volum totali għal kontenuti dikjarati ta' 5% jew aktar;
 - (ii) $\pm 20\%$ tal-kontenut dikjarat għal kontenuti dikjarati ta' anqas minn 5% imma mhux anqas minn 1% ;
 - (iii) $\pm 0,2\%$ tal-massa jew il-volum totali għal kontenuti dikjarati ta' inqas minn 1% ;
 - (d) għall-umdità:
 - (i) $\pm 8\%$ tal-kontenut dikjarat għal kontenuti dikjarati ta' $12,5\%$ jew aktar;
 - (ii) $\pm 1\%$ tal-massa jew il-volum totali għal kontenuti dikjarati ta' anqas minn $12,5\%$ imma mhux anqas minn 5% ;
 - (iii) $\pm 20\%$ tal-kontenut dikjarat għal kontenuti dikjarati ta' anqas minn 5% imma mhux anqas minn 2% ;
 - (iv) $\pm 0,4\%$ tal-massa jew il-volum totali għal kontenuti dikjarati ta' inqas minn 2% ;
 - (e) fir-rigward tal-valur tal-enerġija u l-valur tal-proteini, fejn ma ġietx stipulata tolleranza skont metodu tal-UE jew skont metodu uffiċjali nazzjonali fl-Istat Membru li fis-suq tiegħu jitqiegħed l-għalf, għandhom japplikaw it-tolleranzi li ġejjin: għall-valur tal-enerġija 5% u għall-valur tal-proteini 10% .
- (3) B'deroga mill-punt 2(a) fir-rigward ta' żejt u xaħmijiet mhux raffinati u proteini mhux raffinati fl-ikel tal-pets, fejn il-kontenuti dikjarati ikunu ta' inqas minn 16% id-devjazzjoni permessa għandha tkun $\pm 2\%$ tal-massa jew il-volum totali.
- (4) B'deroga mill-punt 2, id-devjazzjoni permessa mill-kontenut dikjarat għal-limitu massimu għaż-żejt u x-xaħmijiet mhux raffinati u z-zokkor, il-lamtu, il-kalċju, is-sodju, il-potassju, u l-manjesju, il-valur tal-enerġija u l-valur tal-proteini jista' jkun sa darbtejn it-tolleranza stipulata fil-punti 2 u 3.
- (5) B'deroga mill-punt 2, il-tolleranzi għall-irmied li ma jinħallx fl-aċidu idrokloriku u l-umdità japplikaw biss għal-limitu massimu u m'hemm limitu stabbiliti għat-tolleranzi għal-limitu minimu.

Parti B: Tolleranzi għall-addittivi tal-ġhalf tikkettjati skont l-Annessi I, V, VI u VII

- (1) It-tolleranzi stabbiliti f'din il-Parti jinkludu devjazzjonijiet tekniċi biss. Huma għandhom japplikaw għal addittivi tal-ġhalf fil-lista tal-addittivi tal-ġhalf u fil-lista tal-kostitwenti analitiċi.

Fir-rigward tal-addittivi tal-ġhalf elenkati bħala kostitwenti analitiċi, it-tolleranzi għandhom japplikaw għall-ammont totali tikkettjat bħala l-kwantità garantita fl-aħħar tal-iskadenza minima ta' ħażna tal-ġhalf.

Meta l-kontenut ta' addittiv tal-ġhalf f'oġġetti tal-ġhalf jew ġhalf kompost ikun inqas mill-kontenut dikjarat, għandhom japplikaw it-tolleranzi li ġejjin ⁽¹⁾:

- (a) 10 % tal-kontenut dikjarat jekk il-kontenut dikjarat hu 1 000 unità jew aktar;
 - (b) 100 unità jekk il-kontenut dikjarat huwa ta' inqas minn 1 000 unità iżda mhux inqas minn 500 unità;
 - (c) 20 % tal-kontenut dikjarat jekk il-kontenut dikjarat huwa ta' inqas minn 500 unità iżda mhux inqas minn unità 1;
 - (d) 0,2 unità jekk il-kontenut dikjarat huwa ta' inqas minn 1 unità iżda mhux inqas minn 0,5 ta' unità;
 - (e) 40 % tal-kontenut dikjarat jekk il-kontenut dikjarat huwa ta' inqas minn 0,5 ta' unità.
- (2) Fejn kontenut minimu u/jew massimu ta' addittiv f'ġhalf huwa stipulat fl-att ta' awtorizzazzjoni rispettiv għal dak l-addittiv tal-ġhalf, it-tolleranzi tekniċi stipulati fil-punt 1 għandhom japplikaw biss meta jinqabeż kontenut minimu jew meta ma jintlaħaqx kontenut massimu, fejn ikun xieraq.
- (3) Sakemm il-kontenut massimu ffissat ta' addittiv, kif inhu msemmi fil-punt 2 ma jinqabiżx, id-devjazzjoni 'l fuq mill-kontenut dikjarat tista' tiżdied sa tliet darbiet it-tolleranza stipulata fil-punt 1. Madankollu, jekk għal addittivi tal-ġhalf li jappartjenu lill-grupp ta' mikroorganiżmi, kontenut massimu huwa stipulat fl-att ta' awtorizzazzjoni rispettiv għal dak l-addittiv tal-ġhalf, il-kontenut massimu għandu jikkostitwixxi il-valur massimu permess."

⁽¹⁾ Unità 1 f'dan il-punt tfisser 1 mg, 1 000 IU, 1×10^9 CFU jew 100 unità ta' attività enzimatika tal-addittiv tal-ġhalf rispettiv għal kull kg ta' ġhalf kif xieraq.